# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Diċembru 2010

## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon

(2010/763/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2009 li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati f'isem il-Komunità bil-għan li tikkonkludi Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Gżejjer Solomon, il-Komunità nnegozjat mal-Gżejjer Solomon Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd li jipprovdi opportunitajiet ta' sajd lill-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Gżejjer Solomon fir-rigward tas-sajd.

(2) B'riżultat ta' dawk in-negozjati ġie inizjalat Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd fis-26 ta' Settembru 2009.

(3) Bidd-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2010/397/UE [1], il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon ġie ffirmat u qed jiġi applikat proviżorjament mid-9 ta' Ottubru 2009.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi konkluż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon huwa b'dan approvat [2].

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuni mogħtija s-setgħa jipproċedu, f'isem l-Unjoni Ewropea, bin-notifika prevista fl-Artikolu 18 tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni biex tkun marbuta bil-Ftehim [3].

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. MILQUET

---

[1] ĠU L 190, 22.7.2010, p. 1.

[2] It-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L 190, 22.7.2010, p. 3 flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.

[3] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat tal-Kunsill.